**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Jannar 2020**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Nru. 403/19 JZM**

**Johann Stelingwerf**

***kontra***

**Denise Caruana**
**[K.I. : 448387M]**

**Il-Qorti :**

Rat illi fir-rikors, li kien prezentat fil-<u>25 ta` April 2019,</u> ir-rikorrent <u>ippremetta</u> hekk :-

*1) Illi l-procedura odjerna giet introdotta ai termini tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Numru 44/2001 ;*

*2) Illi permezz ta` sentenza datata 13 ta` Marzu 2019 moghtija mill-Qorti Distrettwali ta` The Hague, l-intimata giet ordnata thallas is-somma ta` erbgha u ghoxrin elf euro flimkien ma` l-interessi*

*skont il-ligi b`effett mis-27 ta` Lulju 2018 sal-pagament effettiv (sentenza u traduzzjoni taghha annessi u mmarkata Dok A) ;*

*3) Illi permezz ta` l-istess sentenza l-intimata giet ordnata thallas ukoll is-somma ta` hames mija u sitta u ghoxrin euro u sebgha u hamsin euro centezmu (€562.57) spejjez gudizzjarji ;*

*4) Illi hija giet ukoll ordnata thallas is-somma ta` erba` mija u tmien euro (€480) dritt ta` l-avukat u dan bla pregudizzju ghat-talba tal-hlas ta` VAT u interessi relattivi ;*

*5) Illi finalment hija giet ordnata thallas is-somma ta` mija u ghoxrin euro (€120) spejjez ulterjuri u l-interessi fuq tali somma dekorribbli minn hmistax-il gurnata minn meta issir it-talba ghall-hlas ;*

*6) Illi l-intimata naqset li tottempera ruhha mal-istess obbligi ndikati fil-paragrafi precedenti ;*

*7) Illi qeghdin jigu annessi ic-certifikat rikjest mil-ligi flimkien mat-traduzzjoni tieghu (Certifikat u traduzzjoni mmarkati bhala Dok C)*

*8) Illi ai termini tal-artiklu 41 tar-Regolament fuq riferit l-istess sentenza estera ghandha tigi dikjarata ezegwibbli mmedjatament mat-twettieq tal-formalijiet elenkati fl-artiklu 53 ;*

*9) Illi r-rikorrent ghandu interess jezegwixxi u jenforza s-sentenza in dizamina f`Malta stante li jirrizulta li l-intimata ghandha assi materjali f`Malta li jistghu wkoll jissodisfaw il-kreditu tar-rikorrent.*

Rat illi r-rikorrent <u>talab</u> sabiex :-

*1. Is-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta` The Hague datata 13 ta` Marzu 2019 tigi rikonoxxjuta f`Malta.*

*2. li s-sentenza tigi wkoll ezegwita f`Malta.*

*3. bl-ispejjez kontra l-intimata.*

*u dan taht dawk il-kondizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Mejju 2019.

Rat ir-risposta li pprezentat l-intimata fit-8 ta` Lulju 2019 li taqra hekk :-

*1 Fl-ewwel lok, id-domanda odjerna, in kwantu msejsa fuq ir-regolament 44/2001 hija nulla ghaliex imsejsa fuq regolament illum mibdul bir-Regolament (UE) 1215/2012.*

*2 Fl-tieni lok, minghajr pregudizzu ghall-premess, il-Qorti Distrettwali ta`The Hague ma kellha ebda gurisdizzjoni li tisma`u eventwalment li tiddeciedi l-vertenza in kwistjoni u dan ai termini tal-artikolu 28 tar-Regolament (UE) 1215 /2012.*

*3 Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-sentenza li taghha r-rikorrenti qieghed jitlob ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni gewwa Malta nghatat in dispett tal-artikolu 28 (3) tar-Regolament (UE) 1215/2012 u allura tal-artikolu 19 tar-Regolament (UE) 1393/2007; dan ghaliex, inter alio, ghad li r-rikorrenti kien ben konsapevoli tal-lok fejn setghet tig' notifikata l-istanti, huwa ghamel li jiddikjara l-kuntrarju.*

*4 Fir-raba` lok, b`zieda mal-premess, l-esponenti tirrileva illi jezistu r-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 45 tar-Regolament (UE) 1215/2012 sabiex din l-Onorabbli Qorti tichad ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni tas-sentenza mertu tal-proceduri odjerni.*

*5 Fil-hames lok, l-artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 1215/2012 moqri fl-imkien mal-artikolu 827 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta`Malta ghandu per necessita` jwassal ghac-cahda tat-talbiet rikorrenti in kwantu s-sentenza li taghha qed tintalab ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni giet ottjenuta bil-qerq tal-istanti, u/jew fin-nuqqas tan-notifika tal-esponenti u/jew b`nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Qorti li pronunzjat l-istess sentenza.*

*6 Salvi eccezzjonijiet ohra, talvolta permessi mil-Ligi u jew mid-dritt Komunitarju.*

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2019, il-partijiet inghataw direzzjoni sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni.

**Ikkunsidrat :**

Jirrizulta illi b`sentenza moghtija fit-13 ta` Marzu 2019 moghtija mill-Qorti Distrettwali ta` The Hague, l-Olanda, ir-rikorrent kien kanonizzat kreditur tal-intimata hekk kif jirrizulta mis-sentenza u mill-premessi tar-rikors.

Jirrizulta li r-rikorrent ghandu interess li jezegwixxi dik is-sentenza f`dawn il-Gzejjer ghaliex isostni li l-intimata ghandha assi sitwati f`dawn il-Gzejjer fuqhiex is-sentenza tkun tista` tigi ezegwita.

**Ikkunsidrat :**

**L-intimata eccepiet <u>in-nullita` tal-azzjoni</u> ghaliex tikkontendi li r-Regolament tal-UE applikabbli ghall-kaz mhuwiex ir-Regolament 44/2001 izda ir-Regolament 1215/2012, dan tal-ahhar maghruf ahjar bhala l-"Brussels Recast".**

**Qabel** ma tghaddi ghall-analizi taz-zewg Regolamenti tal-UE in kwistjoni fil-kuntest tal-eccezzjoni kif dedotta, il-Qorti sejra tqis kif il-qrati taghna llum iqisu eccezzjoni ta` nullita` b`mod generali.

Ibda biex, in linea ta` principju, in-nullita` ta` l-att promotur ta` azzjoni hija sanzjoni estrema li m`ghandhiex tintlaqa` facilment.

**L-Art 789(1) tal-Kap 12** jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista` jigi dikjarat null.

Sa qabel l-emendi li dahlu fis-sehh bl-Att XXIV tal-1995, id-disposizzjoni kienet taqra hekk :-

*L-eccezzjoni ta` nullita` ta` l-atti gudizzjarji tista` tinghata :*

*(a) jekk in-nullita` hija dikjarata mil-ligi espressament ;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti ;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta` nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titolb in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort` ohra hlief billi l-att jigi annullat ;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.*

Wara d-dhul fis-sehh tal-emendi ta` l-Att XXIV tal-1995 zdied dan il-proviso :

*Izda dik l-eccezzjoni ta` nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta` dan is-subartikolu ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

Fis-sentenza li tat fl-4 ta` Novembru 1991 fil-kawza "**Guido J. Vella A & CE vs Dr. Emanuel Cefai**" il-Qorti ta` l-Appell qalet :-

*… huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista` jkun, ghall-pratticita u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta` kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista` jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta` citazzjoni ghandu jigi mwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita` ta` l-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi imposta biss meta n-nuqqas, formali jew sostanzjali, fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali.*

Din il-Qorti hija konxja tal-linja traccjata fil-gurisprudenza taghna fejn ir-rigorozita` formali kienet temperata matul is-snin sabiex "*issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz*". (ara : "**<u>Michael Attard nomine vs Raymond Galea</u>** – Qorti tal-Appell - 12 ta` Mejju 1998).

Kien ritenut ukoll mill-qrati taghna li "*r-rigorozita procedurali u l-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza*." (ara : "**<u>Aquilina vs Cassar</u>**" : Vol.LXXVI.iv.666).

**Dan premess, nghaddu issa ghall-eccezzjoni de qua.**

Fir-Regolament 1215/2012, maghruf ahjar bhala l-"Brussels Recast", jirrizulta nkluz dan il-preambolu :–

*THE EUROPEAN PARLIAMENT AND THE COUNCIL OF THE EUROPEAN UNION,*

*Having regard to the Treaty on the Functioning of the European Union, and in particular Article 67(4) and points (a), (c) and (e) of Article 81(2) thereof,*

*Having regard to the proposal from the European Commission,*

*After transmission of the draft legislative act to the national parliaments,*

*Having regard to the opinion of the European Economic and Social Committee,*

*Acting in accordance with the ordinary legislative procedure,*

*Whereas :*

*(1) On the 21 April 2009, the Commission adopted a report on the application of Council Regulation (EC) No 44/2001 of 22 December 2000 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters. The report concluded that, in general, the operation of that Regulation is satisfactory, but that it is desirable to* ***<u>improve</u>*** *the application of certain of its provisions, to further facilitate the free circulation of judgments and to further enhance access to justice. Since a number of amendments are to be made to that Regulation it should, in the interests of clarity, be recast."* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Jirrizulta li r-Regolament 44/2001 kien sostwit bil-Brussels Recast.

Fil-preambolu jkompli jinghad ukoll illi –

(30)

*A party challenging the enforcement of a judgment given in another Member State should, to the extent possible and in accordance with the legal system of the Member State addressed, be able to invoke, in the same procedure, in addition to the grounds for refusal provided for in this Regulation, the grounds for refusal available under national law and within the time-limits laid down in that law.*

*The recognition of a judgment should, however, be refused only if one or more of the grounds for refusal provided for in this Regulation are present.*

…

(34) *Continuity between the 1968 Brussels Convention, Regulation (EC) No 44/2001 and this Regulation should be ensured, and transitional provisions should be laid down to that end. The same need for continuity applies as regards the interpretation by the Court of Justice of the European Union of the 1968 Brussels Convention and of the Regulations replacing it”*

Apparti dak li jinghad fil-preambolu, l-Art 80 tal-Brussels Recast ighid :-

*This Regulation shall repeal Regulation (EC) No 44/2001. References to the repealed Regulation shall be construed as references to this Regulation and shall be read in accordance with the correlation table set out in Annex III.*

**Ikkunsidrat :**

**Il-Qorti tqis illi ghalkemm is-sentenza de qua nghatat meta kien fis-sehh ir-Regolament 1215/2012, u ghalkemm ir-rikorrent mexxa bl-azzjoni odjerna abbazi tar-Regolament 44/2001, dak il-fatt ma jaghmilx l-azzjoni nulla.**

L-Art 80 tal-Brussels Recast fuq citat jahseb ghal sitwazzjoni ta` din ix-xorta u huwa mirat sabiex anke fil-proceduri gudizzjarji inter-komunitarji tkun ricerkata l-gustizzja sostanzjali aktar minn dik formali.

**Di piu` il-hsieb tal-Brussels Recast ma kienx li jaqleb ta` taht fuq ir-regim regolatorju li kien hemm qabel, izda li <u>jtejjeb, jiffacilita u jiddeburokratizza l-enforzabilita` fi Stati membri tal-UE ta` sentenzi moghtija fi Stat membri ohra tal-UE</u>.**

**Tajjeb li jkun determinat il-principju li meta tinghata decizjoni moghtija minn qorti, tribunal jew organu gudizzjarju iehor ta` Stat membru tal-UE, li parti jkollha nteress li tenforza fi Stat membru iehor, l-esekuzzjoni ta` dik is-sentenza m`ghandhiex tkun respinta mill-Stat membru fejn tkun intalbet l-ezekuzzjoni fuq il-pretest ta` nullita` semplicement ghax il-parti nteressata tkun iccitat Regolamenti tal-UE partikolari minflok ohrajn in sostenn tat-talba taghha ghall-ezekuzzjoni, aktar u aktar fil-kaz odjern fejn irrizulta li r-Regolament 1215/2012 kien intiz bhala titjib (u hekk hu) fuq ir-Regolament 44/2001.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni, spejjez ghall-intimata.**

**Tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Ghalhekk thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 24 ta` Frar 2020 fil-11.00 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**